**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 847/97

Joseph Cachia

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tad-9 ta' Novembru 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 1 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' wara Mejju 1987, ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li nghata transfer u anke sofra "downgrading" fil-grad tieghu;

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor illi ir-rikorrent beda jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1971. Illi qabel is-sena 1987 ir-

rikorrent kien ha il-promozzjoni ta' EO. Illi wara l-elezzjoni generali tal-1987 kien inghata transfer minn ma' "Overseas" ghal ma "Local Billing". Illi minhabba f'dan it-transfer ir-rikorrent tilef il-beneficcji tal-overtime, shifts u xoghol fil-festi u hdud;

Illi r-rikorrent kien bidel it-titolu tal-grad tieghu u dan minn dak ta' EO ghal ma Telegraphist 2; liema grad huwa ekwivalenti ghal dak ta' EO. Illi wara dan it-tibdil, ir-rikorrent sofra tnaqqis fil-paga. Illi wkoll kien hemm tnaqqis fis-seniority tar-rikorrent. lli haddiema ohra li ghaddew minn l-istess proceduri ma sofrewx tnaqqis la fis-seniority u lanqas fil-paga. Illi ir-rikorrent huwa konvint li saret din l-ingustizzja minhabba t-twemmin politiku tieghu;

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha ndikati f'dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ir-rikorrent jinghata b'lura mid-data li sar it-tnaqqis fil-paga tieghu, il-flus kollha li huwa tilef kif ukoll li ir-rikorrent jinghata lura s-seniority li huwa haqqu u dan mid-data li sar id-"downgrading" fis-seniority tieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas ammont f'kumpens xieraq kif jidhirlu dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni tichad li ghamlet xi ngustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent.

2. Illi r-rikorrent f'Ottubru 1986 kien gie mahtur Executive Officer mill-grad ta' Telegraphist I. Hu kien jahdem bil-4 shift f'San Gorg, u baqa' jahdem l-istess anke wara li gie mahtur Executive Officer minkejja li dan il-grad ma kellux konnessjoni mas-sezzjoni tat-telegrafija. F'Settembru 1989 gie trasferit ghas-sezzjoni tal-Local Billing fejn beda jahdem bit 2 shift pero' xoghol konness mal-grad tieghu ta' Executive Officer.

3. Illi fis-7 ta' April 1989 ir-rikorrent stess talab li jmur fil-grad ta' Telegrafist II. Din it-talba giet milqugha u b'dan il-mod rega ntbaghat jahdem bhala Telegrafist bil-4 shift f'San Gorg b'effett minn Ottubru 1990.

4. Jidher car ghalhekk li ma saret ebda ngustizzja mar-rikorrent l-ewwel ghaliex intbaghat jaghmel xoghol tal-grad tieghu, u fit-tieni lok ghaliex mar fil-grad ta' Telegrafist II fuq talba tieghu stess.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors. In kontro ezami hu semma li la kien talab downgrading u anqas transfer izda li tinbidillu n-nomenklatura. Semma li meta kien jahdem fl-Overseas kien jahdem b`erba` shifts waqt li meta mar il-Local Billing kien jahdem b` zewg shifts.

Sostna li meta mar il-Local Billing il-Hdud u l-Festi spiccaw waqt li qabel kelli l-Hdud u l-Festi plus il-Four Shift Allowance. Il-bidla fis-seniority saret meta minn E.O. tefghuh Telegraphist 2.

Xehed David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom li semma li riferibbilment ghall-kaz ta' Joseph Cachia u Anthony Sant li kien hemm min talab fil-Maltacom li jibdel in-nomenklatura. Din tal-grad tista' tahdem fuq zewg sistemi, jew titlob grad li jkollu l-istess paga jew grad b' anqas paga, dejjem jekk jista' jigi assimilat. Dawn originarjament kienu telegrafisti u in segwitu bil-promotion saru executive officers.

Huma saru executives fuq talba taghhom, u dana in segwitu li saret applikazzjoni normali, sar l-interview, u huma gew moghtija l-promozzjoni. Huma haduha b' effett mill-1 ta' Ottubru 1986 u din haduha f' Marzu tal-1987. Anthony Sant talab fid-9 ta' Ottubru 1989 biex ibiddel in-nomenklatura waqt li Joseph Cachia talab fis-7 ta' April 1989 biex ibiddel in-nomenklatura. Ippresenta zewg ittri in kwistjoni. Meta huma kienu telegrafisti kienu jahdmu bix-shift u hemmhekk kienu jgawdu kemm minn shift allowance kif ukoll tal-Hdud. Huwa normali li meta ssir executive ma tahdimx bis-shift pero` r-rikorrenti ghal certu zmien baqghu. Naturalment jekk huma baqghu bix-shift baqghu jiehdu l-allowance.

It-tnejn li huma gew trasferiti eventwalment ghall-billing u cioe` Joseph Cachia f' Settembru 1989 waqt li Anthony Sant f' April tal-1989. Dan fis-sens li gew trasferiti minn shift round the clock li kien tat-telegrafisti ghal two shift li hu applikabbli ghat-two billing.

Huma hadu t-transfer wara li kienet saret il-bidla fil-gvern. Irrisponda li jaf lil George Jones li kien telegrafist u sar Clerk 1. Hu nizel ghalhekk wara li saret it-talba tieghu. Meta nizel Jones xorta wahda baqa' jzomm il-paga on personal basis. Jones minn Clerk suppost sar Executive Officer bhala rank li jmiss imma dan qabez dan il-grad u sar Administrative Assistant. Minn telegrafist ma tistax issir administrative assistant ghax inti trid tkun fil-gradi klerikali biex tista' tilhaq administrative assistant.

Ikkonferma li Sant u Cachia kienu telegrafisti fl-istess zmien ta' Jones. It-talbiet li saru minn Sant u Cachia u ta' Jones huma

differenti. It-talba ta' Anthony Sant kienet tghid specifikament: "Ghal dawn l-ahhar 25 sena jiena dejjem ghamilt xoghol ta' 4 shifts u dejjem fi grad differenti u biex nghid hekk dan sar parti minn hajti. Tliet gimghat ilu jiena gejt ippustjat biex nibda xoghol ta' E.O. liema xoghol inhoss li ma nistax nidra fih. Daqstant nixtieq nitolbok biex nerga' mmur fil-grad ta' telegrafist, xoghol li jiena ghamilt ghal dawn l-ahhar sitt snin biex inkun nista' nibqa nahdem il-4 shift duty. Nirringrazzjak bil-quddiem." Dik hija t-talba ta' Anthony Sant.

Dwar Cachia ghandi nghid li dan kien kiteb: "Since 1985 I have been posted at Telemalta Overseas. During my employment in this post in which I must state that I was very happy I have applied for the post of Overseas Chargehand. In October 1986 I was appointed E.O. Since this promotion to date I have worked as Overseas Telephone Operator. Now I have been informed that I am going to be transferred from my present post to somewhere else, which place I have not yet been informed but the indications are that I shall not be an overseas operator, consequently not working on shift basis. I would like to express my sincere wish that I am given a possibility to remain on shift basis post for example as a chargehand or telegraphist. I am aware that my present post as operator as well as the two referred to above are lower in grade than my as E.O. Honestly I would prefer to give up my present E.O. appointment to a shift basis post even if such post carries a lower grade status with regards to the opposition." Dik it-talba tieghu.

Fil-kaz ta’ Jones ghalhekk il-kaz huwa li qed jghid li kien ilu hames snin jaghmel clerical work u ghall-fini ta’ pensjoni nimmagina kif kiteb hawnhekk, biex jilhaq E.O. u A.A ma setax jilhaq minn telegrafista u allura l-grad ekwivalenti ma kienx hemm bl-istess paga u kellu jmur Clerk 1 biex imbaghad tawh il-promotion ghal E.O. u ghal A.A.  Meta nizel ghal Clerk 1 pero` s-salarju ma naqsalux.  Fil-kaz tar-rikorrenti naqsilhom.

Fil-kaz ta’ Melchior Attard li kien Timekeeper u ried jerga’ jmur fil-grad ta’ Labourer u t-talba tieghu giet milqugha, dan rega’ mar fil-grad ta’ labourer bil-paga mnaqqsa ta’ labourer.

**KONKLUZZJONI:**

Illi hawn il-kaz hu ta’ impjegat mal-Maltacom li fuq talba tieghu stess ha promozzjoni u minn telegrafista sar Executive Officer.
Qabel kien intitolat ghax-shift u jgawdi kemm minn shift allowance kif ukoll tal-Hdud. Huwa normali li meta ssir executive ma tahdimx bis-shift pero` r-rikorrenti ghal certu zmien baqa’.  Naturalment jekk hu baqa’ bix-shift baqa’ jiehu l-allowance.  Suppost li meta sar executive ma hadimx aktar bis-shift ta’ telegrafista pero` r-rikorrenti ghal certu zmien baqgha.  Eventwalment gie trasferit ghall-billing.  Ghalhekk baghat l-ittra li kopja taghha tinsab a fol 4 tal-process.  F’din jinghad:
“I am aware that my present post as Operator as well as the two referred to above are lower in grade than my appointment as E.O. Honestly, I would prefer to give up my present E.O. appointment to

a shift basis even if such post carries a lower grade status with regards to E.O. position…..”

Ir-rikorrent pero’ ippretenda li xorta wahda jzomm il-grad u jithallas paga ta’ E.O. In sostenn tal-ilment tieghu semma l-kaz ta’ George Jones.

Ikkunsidra

Illi hawnhekk ir-rikorrent ried jaghmel dak li bl-ingliz tghid “want to have the cake and eat it” - u cioe’ jiehu l-promozjoni, jiehu l-paga ta’ grad superjuri, jkollu dritt ghal aktar promotions, pero’ jibqa’ bir-responsabbiltajiet ta’ grad anqas u jithallas aktar ghax jiehu s-shift allowance oltre l-paga aktar. Jekk nitkellmu fuq ingustizzji dan kien ikun l-epitome tal-ingustizzji. Billi bhala ezempju jsemmi l-kaz ta’ George Jones, jekk hemm saret ingustizzja, ir-rikorrent mhux sejjer jinqeda bit-Tribunal biex ikun komplici mieghu f’ingustizzja. F’wiehed u ghoxrin sena gudikant dan kien wiehed mill-aktar kazijiet strambi quddiem il-President tat-Tribunal. Ir-rikorrent semma li jrid jilmenta mit-transfer ingust. Ghalih l-ingustizzja tikkonsisti filli jkollu jaghmel xogholu! Kien hu stess li talab il-promozzjoni. Kien hu stess li talab li jerga lura u ghax il-kumpanija ghamlet dak li talab hu stess jitlob li l-poplu malti jhallas ta’ dak li hu jghidilha ingustizzja!

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intimata.

Spejjez kontra r-rikorrent.